

**Dispożittiv**

- 1) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.*
- 2) *ED għandha tbat i terz tal-ispejjeż tagħha stess.*
- 3) *L-Uffiċċju tal-Propjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll żewġ terzi tal-ispejjeż sostnuti minn ED.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 184, 16.6.2014 (kawża rreġistrata inizjalment quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-35/14 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Settembru 2016).

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Novembru 2016 – ED vs EUIPO**

(Kawża T-520/16) <sup>(1)</sup>

**(“Servizz Pubbliku — Membru tal-persunal temporanju — Xogħol mid-dar — Talba għal estensjoni — Rifjut — Rikors — Għoti ta' invalidità sussegwenti — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)**

(2017/C 022/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: ED (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: S. Pappas, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Lukošiuūtė, aġent)

**Suġġett**

Talba għall-annullament, ippreżentata skont l-Artikolu 270 TFEU, tad-deċiżjoni tal-EUIPO tal-15 ta' Jannar 2014 li tiċħad it-talba tar-rikorrent tas-26 ta' Settembru 2013 sabiex essenzjalment jiġi awtorizzat ikompli x-xogħol mid-dar minn Barcelona (Spanja) sakemm jerġa' jiġi f'saħħtu u tad-deċiżjoni tal-President tal-EUIPO, tat-3 ta' Ġunju 2014, li tiċħad l-ilment tiegħu tas-7 ta' Frar 2014.

**Dispożittiv**

- 1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.*
- 2) *ED għandu jbati terz mill-ispejjeż tiegħu stess.*
- 3) *L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll żewġ terzi mill-ispejjeż sostnuti minn ED.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 7, 12.1.2015 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea taħt in-numru F-93/14 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2016 – Enrico Colombo u Giacomo Corinti vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-690/16)

(2017/C 022/52)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Enrico Colombo SpA (Sesto Calende, l-Italja), Giacomo Corinti (Ispra, l-Italja) (rappreżentanti: R. Colombo u G. Turri, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni ta' għoti, li l-kontenut u d-dettalji tagħha ma humiex magħrufa, u li ġiet ikkomunikata permezz tannota tal-20 ta' Lulju 2016 Ref. Ares (2016) 371182, li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea, JRC – Ġestjoni tas-sit ta' Ispra tat il-kuntratt JRC/IPR/2016/C.4/000S/OC relatat mal-ftehim qafas għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ta' manutenzjoni ta' pajpijiet tal-ilma u ta' substations ta' tisħin u tkessieħ fi ħdan iċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka ta' Ispra, lil Carmet S.A.S di Fietta Graziella & C.
- tannulla n-nota tal-20 ta' Lulju 2016 Ref. Ares (2016) 371182 li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea, JRC – Ġestjoni tas-sit ta' Ispra kkomunikat ir-riżultat tas-sejħa għal offeriti.
- tannulla l-proċessi verbali tat-13 ta' Mejju 2016 u tat-28 ta' Ġunju 2016;
- prinċipalment, tipprovdi kumpens għad-dannu mġarrab, fforma speċifika, b'mod partikolari permezz ta' dikjarazzjoni ta' nullità, ta' annullament jew ta' ineffikaċja tal-kuntratt, li l-kontenut u d-dettalji tiegħu ma humiex magħrufa, konkluż bejn il-Kummissjoni u Carmet S.A.S di Fietta Graziella & C fid-19 ta' Awwissu 2016, kif ukoll bis-sostituzzjoni ta' RTI mal-kumpannija ċċitata iktar 'il fuq bħala offerent;
- sussidjarjament, tipprovdi kumpens għad-dannu mġarrab, fforma pekunjarja, li jammonta għal EUR 500 000 jew l-ammont, ogħla jew inqas, li l-Qorti Ġenerali tqis li huwa xieraq, flimkien mal-interessi u r-rievalwazzjoni monetarja fid-data tal-ħlas.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw il-motivi li ġejjin: il-ksur tal-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012 L 298, p. 1), il-ksur tal-*lex specialis* fir-rigward tas-sejħa għal offeriti inkwistjoni, il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' smiġh xieraq, kif ukoll użu ħażin ta' poter.

Fdan ir-rigward, huwa sostnut li l-offerta ppreżentata mill-offerenti jmissha ġiet eskluża inkwantu ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti ta' kapaċità ġuridika u teknika previsti mil-*lex specialis*.

### Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2016 – QH vs Il-Parlament

(Kawża T-748/16)

(2017/C 022/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: QH (Woluwé Saint Pierre, il-Belġju) (rappreżentanti: N. Lhoëst u S. Michiels, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tas-26 ta' Jannar 2016 li tiċħad it-talba tar-rikorrent għal assistenza u, konsegwentement, tannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2016 li tiċħad l-ilment tiegħu, u tagħti lir-rikorrent kumpens għad-dannu li huwa allegatament ġarrab;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.